MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2010

Talba Numru. 683/2008

Gutenberg Press Limited (C 8936).

Vs

Gil Marc Schnabelin (Id. 35533A) ezercitanti l-kummerc bhala MIS Publishing House.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' elfejn, tlett mija u tmienja u hamsin Ewro u disgha u erbghin centezmu (€2,358.49) ekwivalenti ghal Lm1,012.49, minghand il-konvenut, rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' stampar moghti lill-konvenut fuq ordnijiet tieghu stess, liema bilanc baqa ma thallasx minkejja diversi interpellazzjonijet. Bl-imghax dekorribbli mid-data tal-fattura relattiva sad-data tal-pagament effettiv, bl-oghla rata skond il-ligi, u bl-ispejjes kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni inkluzi dawk tal-

mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma dan l-att.

Ra r-risposta tal-konvenut li ecepixxa (i) illi t-talbiet tas-socjeta attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-kwalita' tax-xoghol ma sarx skond is-sengha w l-arti; (ii) illi apparti minn hekk ix-xoghol ma giex ikkonsenjat fiz-zmien stabbilit bejn il-partijiet; (iii) illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont mitlub m'huwiex korrett; (iv) illi minhabba n-nuqqasijiet hawn fuq imsemmija l-konvenut sofra danni minhabba ksur ta' obbligi li kellu ma terzi sabiex jipprovdi l-materjal stampat fi zmien stabbilit bejn il-konvenut u t-terzi; Ghaldaqstant il-konvenut jitlob lit-Tribunal jikkundanna lis-socjeta' attrici thallas l-ammont ta' tlett elef, erba mija u disghin ewro (€3490) rapprezentanti danni b'konsegwenza ta' ksur ta' obbligi tal-konvenut ma terzi sabiex jipprovdi l-materjal stampat fi zmien stabilit bejniethom. Bl-ispejjes u l-imghaxijiet kontra s-socjeta' attrici.

Ra r-risposta tas-socjeta' attrici ghall-kontro talba tal-konvenut fejn gie eccepit illi t-talbiet tal-konvenut rikonvenjent huma assolutament infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt, preliminarjament ghaliex il-konvenut rikonvenjent ma pprezentax risposta kif rikjest mill-Avviz Legali 145 tal-1995 u ghaldaqstant it-talba tas-socjeta' attrici rikonvenuta f'dawn il-proceduri ghandha titqies bhala mhix opposta; illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu, t-talbiet tal-konvenut rikonvenjent huma infondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt stante li m'huwiex minnu illi x-xoghol ma sarx skond is-sengha w l-arti, u lanqas m'huwa minnu li x-xoghol ma giex konsenjat fiz-zmien miftiehem, u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza. Ghaldaqstant is-socjeta' attrici rikonvenuta ma kkawzat l-ebda danni lill-konvenut rikonvenjent kif qed jigi allegat. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz. Bl-ispejjes.

Sema x-xhieda tal-konvenut Gil Marc Schnabelin.

Sema x-xhieda ta' David Camilleri prodott mis-socjeta' attrici.

Sema x-xhieda ta’ Nicholette Spiteri prodotta mis-socjeta’ attrici.

Ra n-nota ta’ sottomissjonijiet tas-socjeta’ attrici.

Ra n-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenut.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra.**

Illi wara li ha in konsiderazzjoni l-provi kollha prodotti mill-partijiet, it-Tribunal ghandu s-segwenti osservazzjonijiet x’jaghmel:-

Fl-ewwel lok, mix-xhieda tal-konvenut jidher car li l-ilment principali tieghu huwa li s-socjeta’ attrici ma stampatx il-*magazine* tieghu fuq karta adegwata u skond ma kienu ftehmu l-partijiet. Madankollu t-Tribunal jidhirlu li l-karta li fuqha giet stampata l-*magazine* hija dik msejjha bhala ‘*glossy paper*’ u ma ngabet assolutament l-ebda prova da parti tal-konvenut illi din il-karta ma kenitx dik tal-kwalita’ indikata b’mod car fuq il-*quotation* mahruga mis-socjeta’ attrici.

Illi kwalsiasi paragun ma xi *magazine* iehor b’karta ta’ kwalita’ inferjuri jew superjuri hija superfluwa ghaliex hawnhekk li jghodd huwa li l-karta uzata mis-socjeta’ attrici kienet dik li l-partijiet ftehmu dwarha, u cioe dik li giet indikata u accettata mill-konvenut. Gjaladarba t-Tribunal ma gie rinfaccjat bl-ebda prova li l-karta uzata ma kenitx dik miftiehma, l-ilmenti tal-konvenut ma jistghux jigu milqugha.

Fit-tieni lok, ma jidhirx li sar xi ilment da parti tal-konvenut qabel ma nfethet din il-kawza, dwar il-kwalita’ tal-*magazine* stampat. Dan iwassal it-Tribunal sabiex

jissusspetta serjament li din hija biss skuza li hareg biha l-konvenut sabiex jevita l-obbligi tieghu ghall-hlas tax-xoghol minnu ordnat.  Fil-fatt it-Tribunal josserva li fix-xhieda tieghu il-konvenut stess jammetti li huwa kien dejjem lest li jhallas l-ammont minnu dovut (jew almenu l-maggor parti tieghu).  Skond hu stess kien biss il-fatt li ma rceviex *invoice* li wassal sabiex ma hallasx.  Dan il-fatt gie anki kkonfermat mix-xhud Nicolette Spiteri li xehedet li meta kellmet il-konvenut fuq it-telefon u talbitu jmur ihallas l-ammont minnu dovut, huwa qal li kien bi hsiebu jmur ihallas u fl-ebda mument ma lmenta dwar ix-xoghol li sar.  Ghal dawn il-motivi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut ma tistax tigi milqugha.

Illi fir-rigward ta’ l-ilment tal-konvenut illi l-konsenja saret tardivament, dan ukoll bl-ebda mod ma gie ppruvat.  Fl-ewwel lok, kuntrarjament ghal dak li xehed il-konvenut mkien ma tidher xi data ta’ konsenja miktuba fuq xi dokument kwalsiasi.  Di piu, jidher li l-partijiet kienu ftehmu li bejn wiehed u iehor, il-konsenja kellha ssir lejn l-ahhar ta’ Awissu tas-sena 2007.  Fil-fatt hekk sar ghaliex saru zewg konsenji, u cioe wahda fit-30 ta’ Awissu 2007 u l-ohra fil-31 ta’ Awissu 2007.  Ghalhekk anki hawn l-ilment tal-konvenut huwa ghal kollox bla bazi, u t-tieni eccezzjoni tieghu ma tistax tigi milqugha.

Illi dwar it-tielet eccezzjoni tal-konvenut illi l-ammont mitlub mhuwiex korrett, it-Tribunal jaqbel interament mas-sottomissjonijet maghmula mis-socjeta’ attrici fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghha dwar kif inhadem l-ammont mitlub, u ghalhekk anki din l-eccezzjoni ma tistax tigi milqugha.

Illi it-Tribunal josserva wkoll li alavolja l-konvenut jghid li sofra xi danni minhabba l-kwalita’ tal-*magazine* stampat, u minhabba li gie konsenjat tardivament, hawn ukoll huwa naqas totalment milli jipproduci l-icken prova dwar dawn id-danni.  Huwa misteru kif il-konvenut wasal ghad-dikjarazzjoni ta’ l-ammont imsemmi fir-risposta tieghu bhala likwidazzjoni ta’ danni, ghaliex ma hemm l-ebda prova kwalsiasi in sostenn ta’ dan.  Apparti dan kollu, kif gja inghad izjed ‘l fuq, it-Tribunal ma jidhirlux li kien hemm

xi nuqqas da parti tas-socjeta' attrici dwar il-kwalita' u/jew dwar id-data tal-konsenja u ghalhekk din it-talba ghad-danni ma tistax tigi milqugha.

Fl-ahharnett, fir-rigward tax-xhieda tal-konvenut fejn intqal minnu li huwa qatt ma rcieva l-*invoices* minghand is-socjeta' attrici, jinghad li ma hemm l-ebda eccezzjoni f'dan is-sens, u ghalhekk ma jidhirx li l-konvenut kien qed jikkontesta t-talba attrici a bazi ta' din ir-raguni. Apparti dan kollu t-Tribunal jidhirlu li din hija skuza ghal kollox fjakka u bl-ebda mod ma tista' twassal lill-konvenut sabiex jevita l-obbligi tieghu. Wara kollox kull indirizz li kellha s-socjeta' attrici kienet inghatat lilha minghand il-konvenut stess, u ghalhekk kien fid-dmir tieghu li jghaddi informazzjoni korretta lis-socjeta' attrici. Di piu, il-konvenut kien jaf li kien debitur tas-socjeta' attrici u li kieku ried seta' facilment mar ihallas dak minnu dovut anki kieku ma rceviex l-*invoice.* Minnflok evita li jaghmel hekk, ghax bhallikieku d-dejn kien ser jisparixxi.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal, filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, u filwaqt illi jichad ukoll il-kontro talba tal-konvenut, jilqa t-talba attrici fl-intier taghha, u jikkundanna l-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, tlett mija u tmienja u hamsin Ewro u disgha u erbghin centezmu (€2,358.49), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjes kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Avv. Veronica Galea Debono**
**Gudikant**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------